# IL-KREATURA TAL-BIR

SIMON BARTOLO

merlin

*Jingħad li meta tkun ix-xita,*
*il-kreatura toħroġ tfittex lil xi ħadd*
*biex tniżżlu magħha fil-bir.*

KAPITLU

# 1

## ĠIRJA SFRENATA



Mezzanina Borg kienet bilqiegħda fis-salott bi ktieb f'idejha. Ta' 34 sena hija kienet mara ħelwa b'xagħarha nnukklat, għajnejha kbar u mneħirha ċkejken. Ma tantx kienet twila u dan il-fatt kien iktar qisu jagħmilha gustuża. Dak il-ħin kienet liebsa nuċċali żgħir li kienet tużah biss meta tkun qed taqra. Inħasdet ftit xħin semgħet lil Nadja twerżaq. Imbagħad meta ħarset lejn it-tfal fil-bitħa tbissmet għax indunat li ma kien ġara xejn gravi. Antonin kien qed jiġri wara oħtu madwar il-ħerża tal-bir. Mid-dehra kellu xi ħanex f'idu u Nadja bdiet tgħajjat, "Leee … jaqq, jaqq, jaaaaqq!"

B'rasha mistrieħa, l-omm għalqet il-ktieb u ħallietu fuq it-tavolina biex marret fil-kċina tagħmel belgħa te.

Kien f'dak il-ħin li Nadja waqfet tiġri u twerżaq. Il-ħarsa ta' wiċċha nbidlet minn biża' daħqan għal biża' ta' veru. Ħuha ma kienx jaf li se tieqaf daqshekk f'daqqa u baqa' dieħel fiha.

"Ajma!" għajtet Nadja meta waqgħu t-tnejn li huma mal-art.

"Mhux int!" akkużaha Antonin. Il-ħanex li kellu f'idu rnexxielu jiżgiċċa u jidħol fil-ħamrija tal-ħawt li kien hemm tul il-ħajt maġenb il-bir. Il-ħawt kien mimli sardinell u galletti allura l-ħanex malajr ma deherx iktar fost dak il-weraq kollu.

"Ġej!" qaltlu Nadja b'vuċi mwerwra.

Antonin ma kellux għalfejn jistaqsi min. Fehemha mill-ewwel lil oħtu. "Kif taf?" staqsieha.

"Xomm!" ordnatlu hi.

Hekk għamel u wiċċu bjad. "Qiegħed viċin ħafna," qal it-tifel.

"Eħe," qaltlu Nadja, "wasal!"

"Iġri!"

U ż-żewġt itfal irħewlha f'ġirja sfrenata lejn kamrithom. Huma u għaddejjin Antonin laqat it-tavolina bil-ktieb ta' ommu u qalibha, iżda ma waqafx biex jirranġaha. Ma kienx hemm ħin. Imnalla li dak il-vażun żgħir li kien hemm fuqha ġie fuq it-tapit u mhux fuq il-madum.

"Iġri, iġri, iġriii!"

Sadanittant fil-kċina l-kitla bdiet issaffar u ommhom ma ntebħitx li l-vuċijiet tat-tfal kienu

nbidlu minn twerżiq ta' daħq u logħob għal għajjat ta' biża' u paniku. Kienet qed tikkontempla jekk għandhiex tieħu biskuttin mat-te. U iva, billi tieħu biskuttin, mhux darba ngħixu? Lanqas intebħet li t-tfal kienu daħlu mill-bitħa u telgħu jiġru t-taraġ.

Hekk kif Antonin kien dieħel fil-kamra tagħhom, oħtu Nadja qaltlu, "Stenn!" Meta taha ħarsa li kienet tgħid *għalfejn?*, kompliet b'nifisha maqtugħ. "Fil-kamra tagħna l-ewwel post li se jfittixna. U mhux se mmorru fil-kamra tal-mamà u l-papà hux, għax hemm jidħol żgur."

"Mela allura fejn se ninħbew?" staqsa Antonin.

"Ħa naħseb ta," qaltlu.

"Iva, imma malajr," ħeġġiġha hu għax issa kienu qed jinstemgħu passi tqal telgħin it-taraġ. "Isa, isa!"

Fil-fatt ir-riħa kienet waslet vera viċin issa, id-dar kollha kienet imtliet biha. Riħa li tqabbdek it-taqligħ.

Bla ma tkellmet, Nadja ġriet lejn it-taraġ li kien jagħti għas-sular li jmiss, dak ta' fuq nett. Antonin

ġera warajha u b'nifsu maqtugħ qalilha li ma kinux suppost jitilgħu jilagħbu hemm fuq.

Oħtu ma waqfitx però. "Appuntu!" ħatfitu. "Forsi hemm fuq ma jfittixniex. U fuq kollox aħna mhux nilagħbu qegħdin!"

Meta waslu fuq ġew f'kuritur mudlam b'ħafna bibien. Hawn fuq, f'dan l-aħħar sular tad-dar, kien hawn ħafna kmamar li ma kienu jintużaw qatt. Kien is-sular tal-mistednin, però huma qatt ma kien ikollhom mistednin allura fil-fatt kien sular dejjem vojt.

"Isa, isa, hawn ġew," qalet Nadja bilkemm tinstema', u qabdet u fetħet wieħed mill-bibien.

Il-passi kienu waqfu jinstemgħu issa. X'aktarx kien qed ifittixhom fis-sular ta' taħt. Dan ifisser li kellhom ħin jinħbew sew. Antonin għalaq il-bieb warajh u t-tnejn li huma ħarsu madwarhom. Kienet kamra kbira u, minħabba li l-unika tieqa li kellha kienet magħluqa, kien hemm ħafna dlam. Ma tawx kas tat-trab li kien hemm għax kien wisq moħħhom biex isibu moħba tajba. Imbagħad Antonin ipponta lejn is-sodda, li kienet kbira u li

kienet inkaxxata mal-ħajt. Oħtu ħatfitu minn idu u ġriet lejha. F'ħakka t'għajn it-tnejn li huma daħlu jiġru jistaħbew taħtha.

KAPITLU

# 2

## TAĦT IS-SODDA



Dlam ċappa. Qisek stajt tintilef hemm taħt! Iżda ma kienx spazju vojt għalkollox. Kien hemm bagalja goffa li t-tfal ippruvaw iwarrbu b'saqajhom biex ikunu jistgħu joqogħdu. Il-bagalja kienet tqila u ma tħarrkitx. Ovvjament ma kellhomx idea x'kien fiha, kulma kienu jafu kien li kienet tqila ċomb. Meta reġgħu għamlu sforz ieħor, ħafna akbar minn ta' qablu, irnexxielhom iċaqalquha tikka, imma mhux biżżejjed biex jidħlu jinħbew warajha. B'dan iċ-ċaqliq inqala' skoss trab u tentuf. It-tfal għattew ħalqhom biex ma jibilgħux trab, jaqq.

Isfel nett, ommhom ħarġet mill-kċina bit-te u żewġ biskuttini fuq plattina. Innutat li t-tfal ma kinux jinstemgħu issa. Uliedha kienu storbjużi u għalhekk, iktar kienet tinkwieta meta jkunu kwieti milli meta jkunu qed jgħajtu. Tgħid x'kienu qed jagħmlu? Imbagħad lemħet it-tavolina maqluba u l-ktieb u l-vażun mal-art. X'kien ġara? Ġabret il-vażun minnufih u żammet in-nifs sa ma flietu sew. Kien għadu sħiħ! Allaħares jinkiser dak

il-vażun. Kien hemm bżonn li tipprova ssib post aħjar fejn terfgħu.

Imbagħad ġibdet nifs qawwi 'l ġewwa u kien proprju dak il-ħin li laqtitha r-riħa. Intiena li bilkemm tista' tiddeskriviha—riħa ta' kaboċċi mgħollijin, ta' ħalib maqtugħ, ta' għaraq, ta' ħmieġ, ta' żibel.

Jaqq!

Fuq nett, it-tfal kienu qed jippruvaw ma jitniffsux filwaqt li l-bieb infetaħ beraħ u minn taħt is-sodda rawh dieħel. U minnufih il-kamra għerqet f'dik l-intiena orrenda.

"Naf li xi mkien hawn qegħdin, għax smajtkom minn isfel."

Il-passi resqu lejn is-sodda ... it-tfal għamlu minn kollox biex ma jinstemgħux. Xtaqu jisparixxu dak il-ħin. Meta dawk il-par saqajn waslu eżatt biswit is-sodda, Nadja u Antonin resqu kemm setgħu lura imma spiċċaw b'daharhom mal-ħajt u ma kellhomx fejn jersqu iktar biex jitbiegħdu minn dak li jinten. Imbagħad minn isfel instemgħet il-vuċi ta' ommhom tgħajjat isimhom.

F'dak il-mument ta' distrazzjoni, Nadja ħasset xi ħaġa fid-dlam ta' warajhom. Mhux xi ħaġa solida, iktar bħal riħ sħun ma' daharha. Miegħu beda jtajjar it-trab u speċjalment dak it-tentuf skur li jkun hemm taħt is-sodda meta tkun ilek ma tiknes u li jekk jaqbadlek mal-peduni ma tkun tista' tneħħih b'xejn. U fil-fatt hekk ġara, għax f'dak id-dlam kollu Nadja lanqas biss intebħet li tentufa sewda partikolarment kbira kienet qabditilha ma' kalzetta u weħlet hemm.

"Dar-riħ minn fejn ġej?" staqsiet Nadja minn taħt l-ilsien.

Nadja kienet qed tisma' xi ħaġa stramba imma lanqas hi stess ma kienet ċerta xiex. Kien ħoss stramb u mhux faċli tiddeskrivih. "Dak il-ħoss tar-riħ?" qalet.

"X'riħ hu?" staqsa ħuha, imma eżatt xħin qalilha hekk laqtitu buffura sħuna li kienet qawwija biżżejjed biex tqanfidlu xagħru. Din id-darba ma setax jinjorah dak ir-riħ.

"Ħassejtu issa?" staqsietu oħtu.

"Iva," weġibha hu mistagħġeb. "U qed nisma' l-mużika wkoll."

“Mużika?” U dak il-ħin Nadja ndunat li dak il-ħoss stramb li kienet qed tisma’ seta’ forsi b’xi mod jissejjaħ mużika. Qisha mużika ġejja tant mill-bogħod li lanqas stajt tgħid jekk kinitx melodija fuq vjolin jew leħen ta’ xi tfajla mbikkma.

U kien hemm riħa wkoll. Mhux ir-riħa tinten li daħlet fil-kamra meta nfetaħ il-bieb, imma riħa oħra, ġdida, li t-tfal qatt ma kienu xammew qabel. Qisha riħa ta’ karamelli tal-ħarrub. Imma kif jista’ jkun hemm riħa ta’ ħelu taħt is-sodda?

Ir-riħ sħun li beda ħiereġ minn wara l-bagalja f’daqqa waħda nefaħ ftit iktar bil-qawwi u t-tfal inħasdu. Antonin ħabat rasu mas-sodda filwaqt li oħtu ħarbitilha twerżiqa ċkejkna.

Ir-raġel jinten daħaq għax issa kien ċert li huma hemm, avolja ma setax jarahom fid-dlam. Nadja għafset idejha t-tnejn ma’ ħalqha u ma reġgħetx tniffset.

Iżda r-raġel kien semagħha. Niżel għarkupptejh u għolla l-friex.

“Qbadtkom!”